Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Illum il-Gimgha 23 ta' Gunju, 2017.

Appell numru: 1/2016

**Carmel u Josephine kjonjugi Spiteri**

**Vs**

**Dr Joseph Grech li b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2016 kien nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil Thomas u Anne Marie Mellon**

1. Fl-14 ta' Jannar, 2016 l-atturi harrku lill-konvenuti fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' elfejn tlett mija u seba' u sebghin ewro (€2,377) ghal xoghol ta' tibjid, plumbing u xoghlijiet ohra fil-fond Il Palazzo, Triq il-Mithna, Qala, Ghawdex, kif ukoll ghax-xiri ta' materjal li ntuza fil-proprjeta taghhom.

2. Illi konvenuti eccepew li:

   i. Ix-xoghol li sar mill-attur kien thallas u ghalhekk m'hemm xejn dovut mill-konvenuti.
   ii. L-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

3. B'sentenza tas-16 ta' Settembru, 2016 it-Tribunal cahad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma ta' €2,377.

4. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza. L-aggravji huma:

   i. L-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili japplika ghall-kaz in ezami. Hu car li minn Settembru 2013, meta tlesta x-xoghol, u meta fl-2016 sar il-pagament sakemm intbaghtet l-ittra ufficjali, kien ilu zmien li l-azzjoni kienet preskritta.
   ii. Mill-provi li tressqu kien irrizulta li kien hemm estinzjoni tal-obbligazzjoni bil-pagament.

5. L-atturi wiegbu u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. Il-qorti qrat l-atti.

7. L-atturi harrku lill-konvenuti ghal xoghol li qalu li saru fil-perjodu bejn it-12 ta' Settembru, 2013 u 6 ta' Awissu 2014 gewwa l-proprjeta tal-konvenuti li tinsab fil-Qala. L-ammont jinkludi fih il-prezz ghax-xiri ta' materjal.

8. **Fatti.**

i. L-attur hareg kont ghal xoghol li ghamel fil-proprjeta tal-konvenuti u materjal li wza, ghas-somma ta' €6,045 (fol. 113-117). Dan kien jinvolvi l-bini ta' kamra u *finishing*.

ii. Fit-28 ta' Settembru, 2013 il-konvenuti hallsu lill-attur is-somma ta' €7,000. Skont ir-ricevuta a fol. 117, dan il-hlas sar:

*".... for building of room and some alterations at house in Qala. Labour & Materials"*.

iii. B'email datata 12 ta' Ottubru, 2013 l-attur gharraf lill-konvenut:

*"The new room with all the wirings, ceiling fan and lights is ready but the aluminium hasn't arrived yet"*.

iv. B'email ohra datata 18 ta' Dicembru, 2013 l-attur gharraf lill-konvenut:

*"It's me Charlie. First of all, Merry Christmas to you and your family and a happy new year 2014.*

*Here are the photos of the finished work at your place"*.

v. Fil-kontro-ezami li sar fil-15 ta' Lulju, 2016 l-attur qal li ma kienx jaf ghalfejn il-konvenuti kienu hallsu s-somma ta' disa' mija u hamsa u hamsin ewro (€955) iktar. Da parti tieghu l-konvenut xehed li hallas iktar ghaliex:

*"Mr Spiteri came, he told me he was still waiting for some bills from the suppliers but he knew the figure and the figure was seven thousand (7,000) which I paid him"* (fol. 95).

vi. Jirrizulta li l-attur kien hareg kont iehor li kien ikopri l-perjodu bejn it-12 ta' Settembru u 28 ta' Settembru, 2013 kif ukoll xoghol fuq ic-cangatura u zebgha ta' bieb (ara fol. 119-120 li pprezenta l-konvenut stess), flimkien ma' spejjez ghax-xiri ta' materjal. Fuq dan il-kont hemm notamenti li l-ammonti ta' €832 u €646 thallsu fit-28 ta'

Settembru, 2013 (fol. 118). Il-qorti fehmet li dawn in-notamenti saru mill-konvenut.

vii. Skont il-konvenut it-tieni kont inghata lilu f'Lulju, 2015. Fatt li ma giex kontestat mill-atturi.

viii. Jirrizulta li f'Lulju, 2015 il-konvenuti baghtu hlas lill-atturi fl-ammont ta' €329 permezz ta' cekk (HSBC numru 22) u fuq ic-cekk kitbu *"Full & Final PAYMENT"*. Fil-fatt b'ittra datata 30 ta' Lulju, 2015 id-difensur tal-konvenut gharraf lill-konvenuti li:

> *"First of all my client is not in any way accepting this payment in full and final settlement of the amount due to him for the work carried out in your premises in Qala, Gozo. This for the simple reason that the outstanding amount is by far much more than that purported in your letter. The total amount due to my client for work carried out in your premises as per your specific instructions amounts to two thousand three hundred and seventy seven euro (€2,377)"*.

ix. L-atturi baqghu ma sarrfux l-imsemmi cekk (ara fol. 45).

x. Fl-14 ta' Jannar, 2016 l-atturi pprezentaw il-kawza.

<u>Konsiderazzjoni.</u>

9. Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju li jitratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, il-qorti tosserva li dan hu minghajr bazi. Irrispettivament jekk ghall-kaz in ezami japplikax l-artikolu 2148(a) jew 2149(a) tal-Kodici Civili, bil-hlas li sar f'Lulju 2015 sehhet interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni. Il-konvenuti baghtu cekk fl-ammont ta' €329 ghaliex kien jirrikonoxxu li ghadhom debituri tal-atturi. Mela minn dak iz-zmien it-terminu preskrittiv beda jerga' jiddekorri. Zgur li minn dakinhar sad-data li fiha l-atturi pprezentaw il-kawza, m'ghaddiex it-terminu kontemplat fl-artikolu 2148(a). Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qatt ma setat tirnexxi. Fic-cirkostanzi l-qorti m'ghandha bzonn izzid xejn dwar jekk ghall-kaz in ezami japplikax l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

10. Ghal dak li jikkoncerna l-meritu, it-Tribunal qal:

> *"Fil-meritu ftit hemm x'jinghad. It-Tribunal fela sew il-provi mressqa u d-dokumenti prezentati u jidhirlu li t-talbiet attrici huma gustifikati u misthoqqa. Ma hemm l-ebda element ta' overcharging, jew xi talba ghall-hlas doppju. Lanqas gie eccepit li x-xoghol ma sarx sew. It-talbiet attrici gew pruvati ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal"*.

A bazi ta' din id-dikjarazzjoni xotta, it-Tribunal ghadda biex jilqa' t-talba tal-attur.

11. Hu fatt li meta l-konvenuti hallsu €7,000, fir-ricevuta ma kitbux li l-pagament ta' €7,000 sar ghas-saldu. Kien fuq ic-cekk tat-22 ta' Lulju, 2015 li l-konvenut kiteb: *"FULL & FINAL PAYMENT"*. Pero' lanqas ma jinghad li l-hlas sar *on account*. Il-qorti tosserva wkoll li:

   i. Il-konvenut xehed li qabel inbniet il-kamra, kien inghata stima li x-xoghol ser jigi jiswa bejn sitt elef ewro (€6,000) u sitt elef u hames mitt ewro (€6,500).

   ii. Irrizulta li t-tieni kont inghata lill-konvenut f'Lulju, 2015. Il-qorti ma tistax tifhem kif l-atturi damu dak iz-zmien kollu biex hargu dan it-tieni kont meta tqies li l-parti l-kbira tax-xoghol li tieghu qieghed jintalab il-hlas f'din il-kawza, suppost sar bejn it-13 u 28 ta' Settembru, 2013.

   iii. Fit-28 ta' Settembru, 2013 inharget ricevuta li l-konvenuti hallsu s-somma ta' €7,000 ghal *"building of room and some alterations at house in Qala"* (fol. 117). L-attur fl-ebda stadju ma kkontesta dan id-dokument, u anzi gharaf il-firma tieghu. Jekk fir-realta' sa dakinhar l-attur kien ghamel xoghlijiet ohra, il-qorti ma tifhimx kif l-atturi ma nkludewhomx fil-kont u stennew kwazi sentejn biex hargu t-tieni kont. Din l-osservazzjoni qeghda ssir minhabba l-fatt li fit-tieni kont (fol. 119), il-parti l-kbira tal-kont jirrigwarda xoghlijiet li saru bejn it-12 ta' Settembru 2013 u t-28 ta' Settembru, 2013. L-attur ma ta l-ebda raguni ghalfejn meta fit-28 ta' Settembru 2013 ma pprezentax lill-attur b'kont iehor ghal xoghol li sar bejn it-12 u 28 ta' Settembru, 2013. Ghall-qorti dan ma jaghmilx sens, iktar u iktar meta tikkunsidra li l-konvenuti hallsu €955 iktar mis-somma ta' €6,045 li kien it-total tal-ewwel kont. F'dan ir- kull ma qal l-attur hu li ma kellux ideja ghalfejn thallas €7,000 u mhux €6,045.

   iv. Hu minnu li f'email datata 10 ta' Ottubru, 2013 (fol. 48) li l-konvenut baghat lill-attur, qallu:

   *"I hope you are well and the work is complete, we have not seen any photos or heard from you regarding the windows in the new room. Have they been done ?"*

   Hu minnu li dan il-kliem jaghti wiehed x'jifhem li kien ghadu ghaddej xi xoghol. Pero' l-email tirreferi ghall-aperturi. Xoghol li ma sarx mill-attur. Inoltre, il-pretensjoni tal-attur f'din il-kawza tikkoncerna principalment xoghol li jghid li ghamel bejn it-12 u 28 ta' Settembru, 2013. Xoghol li ghalhekk zgur li kien tlesta meta ntbaghtet l-imsemmija email.

v. Il-qorti m'hijiex tghid li xoghol ma sarx bejn it-12 u 28 ta' Settembru, 2013. L-indikazzjoni hi li sar. Fil-fatt l-atturipprezenta wkoll xi ricevuti relatati ma' xiri ta' materjal b'dati matul l-imsemmi perjodu. Pero':

(a) Skont il-konvenut, *"On the 3rd of September 2013 the walls of the building had been completed and Mr Spiteri was busy pouring the concrete roof"*, u pprezenta ritratt. L-attur ma kkontestatx din id-data. Ghall-qorti m'huwiex verosimili li bejn it-12 u t-28 ta' Settembru 2013 kien hemm bzonn tnejn min-nies (l-attur u haddiem) li jaghmlu gurnata ta' tmien sighat ghal tnax-il gurnata ohra u tlett ijiem ohra ta' hames sighat kull wahda. Dan meta tqies li sa dak iz-zmien il-kamra kienet diga' nbniet u mir-ricevuta a fol. 117 jidher li kien diga' sar ix-xoghol l-iehor li ma sarx fil-kamra u fil-fatt l-attur thallas tieghu.

(b) Is-somma zejda ta' €955 li l-konvenuti hallsu lill-attur mal-ewwel kont fit-28 ta' Settembru, 2013, probabilment kien ikopri wkoll il-*mano d'opera* ghax-xoghol li sar bejn it-12 u t-28 ta' Settembru, 2013. Il-qorti hekk biss tista' tispjega dak il-hlas.

12. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-konkluzjoni tal-qorti hi li fir-rigward tax-xoghol li l-attur qieghed ighid li sar fil-perjodu bejn it-12 u t-28 ta' Settembru 2013, qieghed jitlob hlas ghal xoghol li kien diga' thallas tieghu.

13. Ghal dak li jirrigwarda l-ammonti l-ohra, hu minnu li fir-rigward tax-xoghol relatat maz-zebgha tal-bieb ta' barra l-konvenut qal li hallas fi flus kontanti. F'email datata 27 ta' Ottubru, 2013 l-attur gharraf lill-konvenut li x-xoghol fuq dan il-bieb kien beda. Il-konvenut ma pprezentax ricevuta tal-hlas li qal li ghamel fir-rigward ta' dak ix-xoghol. L-attur ma jidhirx li qieghed jikkontesta l-hlas ghal jumejn xoghol li saru f'Awissu 2014. Fir-rigward ta' xoghol fuq ic-cangatura, ma jidhirx li dan kien inkluz fl-ewwel kont. Ghal dak li jirrigwarda spejjez relatati max-xiri ta' materjal, fid-dokument a fol. 118 hemm notament ***"50.50 only"***. Hu evidenti li dan in-notament sar mill-konvenut, pero' ma spjegax ghalfejn l-ammont ghandu jonqos bin-nofs.

14. Ghaldaqstant is-somma dovuta lill-attur hi **tmien mija disa' u disghin ewro (€899)**.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-ewwel aggravju.**
2. **Tilqa' parzjalment it-tieni aggravju u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-16 ta' Settembru, 2016 fis-sens li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' tmien mija disa' u disghin ewro (€899), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba.**

**Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet mehud in konsiderazzjoni li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet michuda kif gie michud l-aggravju, u li l-attur kien qieghed jippretendi hlas ta' somma iktar mid-doppju mis-somma fuq imsemmija.**

**(ft.)** Anthony Ellul

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur